MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 15/1997/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Reverendu Monsignur Anthony Pace f'ismu proprju u ghan-nom ta' Suor Maria Pace, Suor Aurelia Pace, Joseph Pace, Carmelo Pace, Winifred Pace, Antoiniette Attard, Anna Dalli u Joseph Cordina**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid:

Illi b'ittra ufficjali ta' 7 ta' Frar 1997, l-intimati gew notifikai b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li l-fond fil-Belt Valletta numru 18, Triq il-Bjar huwa mehtieg ghall-Skopijiet Pubblici u li l-akkwist tieghu ghandu jkun b'xiri assolut;

Illi l-intimati gew wkoll notifikati b'Avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens illi l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond fil-Belt Valletta fuq imsemmi huwa ta' elfejn u hames mitt lira Maltin kif jidher ir-rapport tal-perit John Sciberras A&CE tal-21 t'Awissu 1996 li estratt tieghu huwa anness mal-istess Avviz ghall-Ftehim;

Illi b'ittra ufficjali tal-25 ta' Frar 1997 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lis-socjeta' intimata biex tittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fil-Belt Valletta numru 18 Triq il-Bjar fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)."

Ra r-risposta  tal-intimati li tghid:

Illi l-ammont offert m'huwiex gust skond il-ligi;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija kawza ghall-fisazzjoni ta' kumpens ghat-tehid ta' fond privat mill-awtoritajiet skond id-dispost tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ghall ordni ta' trasferiment tal-fond favur l-awtoritajiet bis-sahha tal-istess kapitolu. Jemergi illi l-awtorita' kienet esproprijat l-fond numru 18 fi Triq il-Bjar, Il-Belt Valletta u dan ghall-skop pubbliku, liema skop ma kienx kontestat.  Is-sidien esproprijati naqsu milli jaccettaw il-kumpens offert u naturalment milli

jaddivjenu ghall-publikazzjoni tal-att ta' trasferiment tal-istess fond u ghalhekk saret din il-kawza. Jemergi ukoll illi l-espropriju sehh fl-1993 u l-Avviz ghal Ftehim inhareg fl-1997;

Illi l-intimati jinsistu illi l-valur ta' dan il-fond huwa ta' tmient elef liri maltin, llum ekwivalenti ghal €18,634.99 u kienu gwidati ghal dan il-valur mill-perit arkitett taghhom (ara valutazzjoni a fol 33), liema perit xehed ukoll in atti u kkonferma illi l-istima tieghu hija bazata fuq il-valuri tal-1996 u msejsa fuq il-fatt illi dan il-fond huwa, jew ahjar kien, *studio flat* mikri bir-rata ta' Lm12 fis-sena u li ma kienitx ghal din il-kirja kien jaghti valur ghola ghall-istess fond. Dan il-fond kien gia demolit meta l-perit tal-awtorita' hareg l-istima tieghu fl-1996;

Illi f'din il-kawza kienu assenjati zewg peritit membri sabiex jassistu lil dan il-Bord diversament presedut. L-istess periti membri kienu qed, b'mod inspjegabbli idumu biex jirrelataw u peress illi dan kien meqjus bhala inaccettabbli mic-Chairman odjern, dawn kienu sostitwiti fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011. Il-periti membri l-godda rrelataw minnufih tant li prezentaw ir-relazzjoni taghhom fid-29 ta' Frar 2012 jigifieri fil-mori tad-differiment u dan huwa meritevoli ta' menzjoni u ferm apprezzat mic-Chairman tal-Bord;

Illi l-periti membri tal-Bord wara li hadu konjizzjoni tal-fatti u d-dokumenti kollha tal-kaz ikkonfermaw illi l-fond esproprijat ghandu valur ta' ghaxart elef u hames mitt euro (€10,500);

Illi partijiet irrimettew ruhhom ghar-relazzjoni tal-periti membri. Ic-Chairman huwa tal-fehma li l-valutazzjoni raggunta mill-membri tieghu hija wahda gusta;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut l-fond Nur 18, Triq il-Bjar, Belt Valletta, liema fond qed ikun dikjarrat fabrikabbli, u dan versu l-valur ta' ghaxart elef u hames mitt euro (€10,500) oltre l-imghax skond il-ligi. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli

bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-2 ta' Awissu 2012 f'nofsinhar fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Leonard Caruana biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandhu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------